

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2011

tal-11 ta' Novembru 2015

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implementazzjoni fir-rigward tal-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (¹), u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 109a(2) tagħha,

Billi:

- (1) Il-listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali skont id-Direttiva 2009/138/KE, huma rilevanti għall-kalkolu tal-modulu tar-riskju tas-suq u l-modulu tar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti tal-formula standard tar-rekwiżit tal-kapital tas-solvibbiltà.
- (2) Fejn rilevanti, il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali inklużi f'dawk il-listi għandhom jiġu kategorizzati skont it-tip, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 85 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 (²).
- (3) L-awtoritajiet superviżorji pprovdex informazzjoni relevanti dwar is-setgħat speċifiċi li jżidu d-dħul u l-arrangġamenti istituzzjonal iż-żistenti skont il-liggi nazzjonali fir-rigward tal-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali fil-ġurisdizzjoni tagħhom u dwar sa liema punt dawn il-gvernijiet u awtoritajiet jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 109a (2) tad-Direttiva 2009/138/KE.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol lill-Kummissjoni.
- (5) L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandardi tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċċi potenzjalni relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbiliti fkonformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Listi ta' gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali

Il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali li ġejjin ser jitqiesu bħala entitajiet, li l-iskoperturi għalihom għandhom ikunu trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn huma stabbiliti, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 109a(2) tad-Direttiva 2009/138/KE:

- (1) fl-Awstrija: kull "Land" jew "Gemeinde";
- (2) fil-Belġju: kull "communauté" jew "gemeenschap", "région" jew "gewest", "province" jew "provincie", jew "commune" jew "gemeente";

(¹) ĠUL 335, 17.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

- (3) fid-Danimarka: kull “region” jew “kommune”;
- (4) fil-Finlandja: kull “kaupunki” jew “stad”, “kunta” jew “kommun”, jew l-“Ahvenanmaan maakunta” jew il-“Landskapet Åland”;
- (5) fi Franzia: kull “région”, “département” jew “commune”;
- (6) fil-Ġermanja: kull “Land”, “Gemeindeverband” jew “Gemeinde”;
- (7) fil-Liechtenstein: kull “Gemeinde”;
- (8) fil-Litwanja: kull “savivaldybė”;
- (9) fil-Lussemburgu: kull “commune”;
- (10) fin-Netherlands: kull “provincie”, “waterschap” jew “gemeente”;
- (11) fil-Polonja: kull “województwo”, “związek powiatów”, “powiat”, “związek międzymiastowy”, “gmina”, jew il-“miasto stołeczne Warszawa”;
- (12) fil-Portugall: ir-“Região Autónoma dos Açores” jew ir-“Região Autónoma da Madeira”;
- (13) fi Spanja: kull “comunidad autónoma” jew “corporación local”;
- (14) fl-Iżvezja: kull “region”, “landsting” jew “kommun”;
- (15) fir-Renju Unit: il-Parlament Skoċċiż, l-Assemblea Nazzjonali għal Wales jew l-Assemblea tal-Irlanda ta’ Fuq.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta’ Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER